**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**-Omissis-**

**Brian Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 145/2022**

**Illum, it-tletin (30) ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- akkuzat talli nhar is-07 ta' Marzu 2021 ghall-habta ta' bejn l-13:30hrs u is-14:30hrs minn gewwa ir-residenza bin-numru 398, Triq il-Vitorja, Qormi:

Flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta' flus u, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, bil-lok, u bil-mezz li sar ghad-dannu tal-familja Cassar u/jew xi presuna/i ohra; *Artikoli 261(a), 261(b), 261(e), 262(1)B, 263(a), 269(g); tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

**Lil Brian Agius** detentur tal-karta tal-identità b'numru 490578M akkuzat talli: fl-istess lok, hin u cirkostanzi: b'xi mod li, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi: -istess hin, lok u cirkostanzi ikkommetta reat filwaqt tal-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' tnax il-xaghar sospizi ghal 18-il xaghar moghtija nhar il-21 ta' Novembru 2019 mill-Magistrat Dr. Monica Vella LL.D;

U aktar talli: fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar recediv ai termini tal-artikolu 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena 2022 fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jintalab li tinstab htija kontra l-imputat Brian Agius u cioè:-

1. Artikoli 42(d), 43, 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(b), 262(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 277(b), 279(a), 280(2), 281(a), 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Artikoli 28A, 28B, 28C, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Artikoli 17, 18, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi rat li wara li nqraw l-artikoli tal-Ligi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Roderick Agius** li pprezenta l-*persona details* ta' Brian Agius u ta' *omissis* (immarkati Dok. RA1 u RA2 rispettivament), il-fedina penali ta' Brian Agius u ta' *omissis* (immarkati bhala Dok. RA3 u RA4 rispettivament), certifikat mediku (immarkat bhala Dok. RA5), stqarrija tal-imputat Brian Agius datata tnax (12) ta' Marzu 2021 immarkata bhala Dok. RA6 kif ukoll l-att ta' twelid tal-imputat Brian Agius kif ukoll ta' *omissis* immarkat bhala Dok. RAX. Ipprezenta wkoll dettalji tal-vettura tal-ghamla *Skoda Forman* bin-numru BJA-769.

Jghid li fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 2021 kien gie infurmat mill-Ispettur Kevin Pulis li kienet sehhet serqa gewwa r-residenza numru 398, Triq il-Vitorja, Hal Qormi. Jghid li hu investiga dan l-allegat reat. Jixhed li meta mar fuq il-post hu seta' jinnota li l-bieb kien gie sgassat filwaqt li l-post kien imqalleb ta' taht fuq. Jghid li rrizulta li kienu gew nieqsa mitt ewro (€100).

Ikompli jghid li hu kien innota li zewg (2) bibien 'il fuq mir-residenza kien hemm il-Kunsill Lokali li minnu seta' jaccessa l-filmat fuq is-sistema tas-*CCTV* u jara r-reat isehh. Jghid ukoll li faccata tal-istess residenza kien hemm *CCTV* ta' residenza ohra bl-isem ta' Peppina. Jghid li talab lil PC1541 u PC702 sabiex jassistuh fl-investigazzjoni u janalizzaw il-filmati u *stills*. Jghid li seta' jara vettura tal-ghamla *Skoda Forman* ta' lewn ahmar li kienet qieghda twassal lil tliet (3) persuni li kienu libsin maskri tal-*COVID*. Jghid li minn *still* partikolari seta' jidentifika n-numru tal-istess vettura u cioè BAJ-769. Jghid li stante li hija karozza partikolari u b'kulur partikolari jaf li din il-karozza tappartjeni lill-imputat Brian Agius.

Jghid li flimkien mal-imputat jista' jaghraf lil *omissis* mis-*CCTV* u dan stante li l-istess *omissis* ghandu statura partikolari filwaqt li

minn filmat ta' kamera mar-residenza Peppina seta' jara l-wicc ta' *omissis* u dan minkejja li kien liebes maskra. Jghid li hu gharfu wkoll stante li kien gie investigat fuq serqiet simili. Jixhed li wara din l-investigazzjoni hu talab sabiex jinhareg mandat t'arrest fil-konfront ta' *omissis* fejn eventwalment l-istess *omissis* spicca arrestat gewwa l-Ghassa tal-Belt.

Jghid li fil-fatt *omissis* gie arrestat fl-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena 2021 fejn gie elevat beritta ta' kulur blu bl-arma tal-*Adidas* stante li kienet tixbah l-istess beritta li deher li l-imputat kien liebes dakinhar tal-allegat reat. Ikompli jghid li dakinhar li gie arrestat *omissis* kien anka liebes l-istess zarbun li kien liebes waqt l-allegat reat. Jispjega li minn hemm ittiehdet l-istqarrija ta' *omissis* fil-prezenza tal-avukat tieghu. Izid jghid li hu u ohrajn ghamlu tfittxija gewwa r-residenza ta' *omissis*. Jghid li eventwalment *omissis* ittiehed l-Ghassa ta' Hal Qormi sabiex isir l-interrogatorju hemmhekk izda l-istess *omissis* beda jilmenta dwar sahhtu tant li anke gewh hsibijiet li jnehhi hajtu u ghalhekk ittiehed l-Isptar Monte Carmeli. Jghid li din l-imgiba ta' *omissis* hija wahda pjuttost normali meta jinsab f'cirkostanzi ta' arrest.

Ikompli jixhed li Brian Agius gie arrestat fl-ghaxra (10) ta' Marzu ta' 2021 stante mandat t'arrest mahrug mill-Magistrat Dr Astrid May Grima. L-arrest sar ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi. Jghid li nstabet il-vettura tal-ghamla *Skoda Forman* ta' lewn ahmar bin-numru BAJ-769 li tappartjeni lill-imputat Brian Agius u l-istess vettura ttiehed mill-Pulizija gewwa l-kumpless ta' St. Andrew's. Izid jghid li l-imputat inghata d-drittijiet kollha tieghu u l-istess imputat ghazel li jikkonsulta mal-avukat tieghu u anka xtaq l-istess avukat ikun prezenti mieghu waqt l-interrogatorju.

Jgid li mill-filmati tas-*CCTV* johrog bic-car li l-vettura kienet misjuqa mill-imputat Brian Agius u li l-istess imputat wassal lil *ommissis* u liz-zewg (2) persuni ohra sar-residenza fejn sehhet l-allegat serqa. Ikompli jghid li l-istess vettura tidher darbtejn (2) ohra fil-vicinanzi tal-fond numru 398, Triq il-Vitorja, Hal Qormi. Jghid li waqt l-interrogatorju l-imputat ikkopera mal-pulizija fis-sens li stqarr li hu kien jaf lil *omissis* mill-Facilità Korrettiva ta' Kordin. Jghid li l-imputat stqarr li gabar lil *omissis* fejn il-fabbrika tal-*Coca Cola* u li wassalhom xi mkien Hal Qormi fejn *omissis* qallu biex jieqaf. Jghid li l-imputat stqarr ukoll li hu ma kienx jaf min

huma n-nies li kienu ma' *omissis* u li hu kien taht l-impressjoni li sejjer jaghmel bicca xoghol.

Xehed **PS 1085 Joseph Bayliss** li pprezenta rapport immarkat Dok. JB1. Jghid li fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 2021 ghall-habta tas-sitta u ghaxra ta' filghaxija kien gie infurmat mill-*Control Room* tad-Depot li kien hemm persuna gewwa Triq il-Vitorja, Hal Qormi li rritorna d-dar u sab il-bieb sgassat. Jixhed li hu mar fuq il-post u sab lil Carmel Cassar li kien qallu li kien ilu barra mill-ghaxra u nofs ta' filghodu ma' martu. Jghid li l-istess Carmel Cassar qallu li meta rritornaw lura d-dar sabu l-bieb miftuh u li gewwa kien hemm taqliba shiha.

Jixhed li Carmel Cassar irrapporta li xi mitt ewro (€100) kienu gew nieqsa mill-vetrina. Ikompli jixhed li fuq il-post tal-allegat reat accedew membri tas-*Scene of Crime* u li dawn ghamlu l-istharrig taghhom. Jghid ukoll li hu nnota li s-serratura kienet sgassata u li anka ra xi grif mal-bieb ta' barra.

Xehed **PC 1541 Joseph Agius** li pprezenta *pendrive*, *CD*, u esebiti mmarkati bhala Dok. JA1, JA2, u JA3 rispettivament. Jghid li fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena 2021 hu gie infurmat li lejliet kienet sehhet serqa gewwa l-fond numru 398, Triq il-Vitorja, Hal Qormi. Jghid li hu flimkien ma' kollega tieghu PC702 irrikorrew fuq il-post fejn sabu diversi *CCTV Cameras*. Jixhed li dan il-fond kien vicin il-Kunsill Lokali u b'hekk seta' juza l-*camera* tal-istess Kunsill Lokali u jara li fil-hdax u nofs ta' filghodu nnota persuna maskili li telghet minn Triq San Bastjan, qasmet it-triq u wara li habbtet il-bieb tal-fond mertu tal-kawza, nizlet gewwa Triq San Bastjan.

Jixhed li fis-saghtejn neqsin kwart l-istess persuna rritornat din id-darba b'zewg persuni maskili ohra. Jghid li tnejn minn dawn it-tlett irgiel qaghdu fuq l-istejg li jinstab oppost il-fond fejn sehh l-allegat reat. Ftit tal-hin wara jixhed li dehru jaqsmu mill-istejg ghar-residenza u li jidher li wiehed minnhom sgassa l-bieb bi spalltu u wara li ma rrnexxilux jiftah, ragel iehor irnexxielu jizgassa l-bieb b'saqajh. Jghid li dawn wara li fethu l-bieb ma dahlux mill-ewwel izda nizlu lejn Triq San Bastjan. Jghid però li fis-saghtejn u erba' minuti ta' wara nofsinhar waslet vettura tal-ghamla Skoda Forman ta' lewn ahmar bin-numru DAJ-679 li tappartjeni lil Brian

Agius. Ikompli jghid li minn din il-vettura hargu l-istess tlett irgiel li kienu dehru qabel.

Ikompli jghid li minn din il-vettura hargu l-istess tlett (3) persuni u avvicinaw ir-residenza li digà kienet sgassata u dahlu kollha kemm huma gewwa l-istess residenza. Jiccara li dehret darbtejn qabel ma dahlu fid-dar. Jghid li l-filmat mehud mis-sistema tal-Kunsill Lokali jindika li r-*real time* u l-hin fuq id-*DVR* huma l-istess u b'hekk m'hemmx diskrepanza. Jghid ukoll li t-tlett (3) irgiel dehru hergin mir-residenza u nezlin gewwa Triq San Bastjan ghal darb'ohra u dan ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar.

Jixhed li mill-kamera li tinsab faccata tar-residenza fejn sehh l-allegat reat, it-tlett (3) persuni jidhru fuq l-istejg u b'hekk seta' jaghrafhom b'mod car. Jghid li dan kien ghall-habta tat-tlieta neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar. Jghid ukoll li l-fatt li digà kellhom kazijiet precedenti ma' *omissis*, seta' jaghraf lill-istess *omissis* u dan stante t-tul tieghu u anka l-mixja partikolari tieghu. Izid jghid ukoll li d-diskrepanza tal-hin bejn ir-*real time* u d-*DVR*

hija wahda ta' hamsa u hamsin (55) minuta. Ikompli jghid li setghu jaraw il-hwejjeg li kienu lebsin b'mod iktar car fosthom beritta ta' lewn blu bl-arma tal-*Adidas*.

Ikompli jghid li setghu jigbdu filmat minn kamera iehor gewwa Triq San Bastjan minn haunt bl-isem ta' *C. Chircop Ironmongery* fejn din il-kamera kellha xi ftit minuti 'l quddiem. Minn din il-kamera jirrizulta li l-istess tlett (3) persuni jidhru u ghal darb'ohra seta' jaghraf l-istess tip ta' hwejjeg. Jghid li fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena 2021 gie infurmat *omissis* gie arrestat gewwa l-Ghassa tal-Belt u li dan kien liebes beritta ta' lewn blu bl-arma tal-*Adidas*. Jghid li seta' jaghraf l-istess tip ta' zarbun li kien *omissis*. Jghid ukoll li fir-residenza ta' *omissis* ma nstab xejn mal-allegat reat.

Jghid li eventwalment hareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat Brian Agius u b'hekk irrikorra fir-residenza tal-istess imputat u cioè numru 2, Triq Anton Vella, is-Siggiewi. Jirrimarka li minkejja li l-imputat ma nstabx huwa gharaf il-vettura tal-ghamla *Skoda Forman* stante li kienet l-istess wahda li dehret fil-filmati. Jghid li waqt li qaghad ghassa mal-istess residenza l-imputat mar

minn jeddu gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi u gie arrestat. Izid ukoll li mill-Ghassa l-imputat ttiehed lejn il-karozza tal-ghamla *Skoda Forman* li ntuzat fl-allegata serqa u hemmhekk l-istess imputat uza l-karozza.

Xehed **PC 702 Adrian Briffa** jghid li fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena 2021 gie infurmat li sehhet serqa gewwa l-fond numru 398, Triq il-Vitorja, Hal Qormi. Jghid li hu u l-kollega tieghu PC1541 marru fuq il-post u nnotaw diversi sistemi ta' *CCTV*. Jghid li l-hin imnizzel fuq is-sistema tal-Kunsill Lokali kien *in real time* u b'hekk ma kienx hemm diskrepanza fil-hin. Ikompli jghid li ghal hdax u nofs ta' filghodu dehret persuna thabbat mal-bieb fejn sehh l-allegat serq u harab. Jghid li iktar tard ghas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar dehru zewg (2) persuni quddiem l-istejg ta' faccata tal-istess residenza mentri persuna ohra baqa' ftit isfel. Dawn dehru jimxu lejn bieb ir-residenza u ppruvaw jisgassaw l-istess bieb meta b'daqqa ta' sieq infetah il-bieb u dak il-hin l-istess tlett (3) persuni dehru jaharbu.

Ikompli jixhed li fis-saghtejn u erba' minuti ta' wara nofsinhar ghaddiet vettura tal-ghamla *Skoda Forman* ta' lewn ahmar bin-numru BAJ-769 fejn minn din il-vettura nizlu l-istess tlett (3) persuni u dahlu gewwa r-residenza. Jghid li tali vettura tappartjeni lill-imputat Brian Agius. Ikompli jghid li fis-saghtejn u ghaxar ta' wara nofsinhar it-tlett (3) persuni hargu mid-dar tal-parte civile u mill-filmati tas-*CCTV* tal-hanut *C. Chircop Ironmongery* dawn il-persuni jidhru nezlin Triq San Bastjan, Hal Qormi. Jghid ukoll li gharaf lil omissis mill-filmat stante l-istatura partikolari tieghu.

Jghid li fit-tnax (12) ta' Marzu ta' 2021 gie infurmat li *omissis* gie arrestat gewwa l-Ghassa tal-Belt. Jixhed li l-beritta ta' lewn blu bl-arma tal-*Adidas* giet elevata minn fuq il-persuna ta' *omissis* u minn hemm sar access fuq il-post fejn jabita *omissis*. Jixhed ukoll li saret tfittxija fir-residenza tal-imputat Brian Agius fejn instabet il-karozza tal-ghamla *Skoda Forman* ta' lewn ahmar izda ma nstabx l-imputat. Jghid ukoll li l-imputat Brian Agius fil-fatt mar minn jeddu gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi fis-sitta ta' nofs ta' filghaxija. Jispjega li l-imputat Brian Agius kien saq il-vettura dakinhar tal-allegat reat u deher isuq mal-blokka darbtejn qabel

twettaq l-allegat reat fejn dahlu gor-residenza *omissis* u tlett (3) persuni.

Xehed Dr Martin Bajada li gie nominat minn din il-Qorti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena 2021 sabiex janalizza filmati mehudin minn *CCTV* ipprezentati bhala Dok. JA1 u Dok. JA2. Jghid li Dok. JA1 jikkontjeni filmati ta' tliet postijiet separati u cioè wiehed jismu *Hardware Store*, iehor il-Kunsill Lokali u l-iehor Peppinu. Jghid li l-filmati huma kollha datati sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 2021.

Jghid li l-istills ipprezentati f'Dok. JA2 mhumiex *stills* izda huma ritratti mehuda bil-mowbajl minn fuq il-filmati tas-*CCTV*. Jikkonferma wkoll li la fihom id-data u l-anqas il-hin tal-filmat. Jghid però li ha l-inizzjattiva u rrikoncilja l-istess ritratti mal-filmat u sab kull fejn ittiehed dak ir-ritratt. Jghid li dan kollu gie redatt f'rapport li hejja hu stess u li gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. MB1.

Xehed il-parte civile **Carmel Cassar** li jghid li fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 2021 fil-hdax ta' filghodu hareg ma' martu. Jghid ukoll li fis-sitta neqsin kwart ta' filghaxija rritornaw lura d-dar fejn meta fetah il-bieb innota li dan l-istess bieb ma kienx imsakkar. Fetah il-bieb u hemmhekk sab kull m'hemm mixghul kif ukoll kollox imqalleb ta' taht fuq. Jghid li dak il-hin avza lil martu biex ma tidholx u cempel il-Pulizija. Ikompli jixhed li sab nieqes mitt ewro (€100). Jispjega li dawn il-flejjes kienu jitqieghdu go *bowl* fuq il-*unit*.

Jghid li l-bieba filwaqt li ma kinitx imsakkra, innota wkoll li kien hemm daqqa ta' sieq immarkata mal-bieb. Jixhed ukoll li kellu jbiddel is-serratura tal-bieb stante li din kienet imkissra. Jikkonferma li sabiex isewwi l-hsarat kellu jhallas l-ammont kumplessiv ta' mija u erbgha u disghin ewro u seba' centezmi (€149.07) u dan kif hemm indikat fl-ircevuti esebiti u mmarkati bhala Dok. CC1 u Dok. CC2.

Xehdet il-parte civile **Joan Cassar** li tghid li hi toqghod gewwa l-fond numru 398, Triq il-Vitorja, Hal Qormi. Tghid ukoll li fis-

sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 2021 kienet giet lura d-dar ma' Carmel Cassar ghal madwar is-sitta ta' filghaxija meta r-ragel induna li kien hemm il-bieb sgassat. Hi dahlet bil-mod gewwa d-dar u rat taqlib shih. Tiddeskrivi li rat kullimkien mixghul, kxiexen maqlubin, u bibien miftuhin. Tghid li hi bdiet titrieghed u eventwalment ittiehdet il-*polyclinic* stante li kienet ittrawmatizzata mill-esperjenza. Tixhed li kienu gew nieqsa mitt ewro (€100) li kienu jinzammu gewwa *bowl*.

Xehed **Stephen Cachia** rapprezentant ta' Transport Malta li kkonferma u esebixxa dokument immarkat bhala Dok. SC1. Dan id-dokument jikkonsisti ricerka li tikkonferma li l-vettura BAJ-769 tal-ghamla Skoda Forman ta' kulur ahmar hija registrata fuq l-imputat Brian Agius u dan mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena 2020.

Xehed **PS 385 Emanuel Dalli** li jghid li fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 2021 kien gie infurmat mill-Ispettur Kevin Pulis sabiex jassistih bhala fotografu fuq il-post fejn sar l-allegat serq. Jghid li hu mar ma' PC2424 fuq il-fond numru 398, Triq il-Vitorja, Hal

Qormi. Ikompli jixhed li filwaqt li xoghlu kien li jigbed ir-ritratti, xoghol il-kollega tieghu PC2424 kienet li televa xi impronti. Tali ritratti flimkien ma' relazzjoni gewipprezentati u mmarkati bhala Dok. ED1.

Xehdet **WPS 2424 Abigail Grech** li tghid li fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 2021 giet infurmata mill-Ispettur Kevin Pulis sabiex taccedi gewwa l-fond numru 398, Triq il-Vitorja, Hal Qormi u dan stante rapport ta' allegat serq. Tghid li hi accediet flimkien ma' PS 385 Emanuel Dalli li ha hsieb ix-xoghol tal-fotografija. Tghid ukoll li hi hadet hsieb li tigbor evidenza forensika. Tixhed li hi nnotat li ma kienx hemm marki ta' livar mal-bieb izda li kien hemm marki ta' zarbun man-naha tal-qiegh tal-bieb. Tkompli tixhed li x'hin dahlet gewwa gie nnotat ammont ta' taqlib gewwa diversi kmamar u cioè fil-kcina, fis-salott u fil-kmamar tas-sodod. Tghid li tfittxija ghall-impronti tas-swaba irrizultalha fin-negattiv. Tghid ukoll li dan kollu gie redatt fir-rapport taghha li giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. AG1.

Xehdet PS 2250 Amanda Parascandolo Bunce li tghid li fit-tnax (12) ta’ Marzu tas-sena 2021 giet infurmata mill-Ghassa ta’ Hal Qormi li x’hin kellu jitfacca *omissis* sabiex jiffirma, dan jinzamm arrestat u jekk ikun liebes beritta din tigi elevata mill-ewwel. Tghid li fis-saghtejn nieqes ghaxra ta’ wara nofsinhar mar jiffirma *omissis* gewwa l-Ghassa tal-Belt u li dan kien liebes beritta ta’ lewn blu bl-arma tal-*Adidas*. Tghid li hi infurmatu li ser jigi arrestat u wara li infurmat l-Ghassa ta’ Hal Qormi, il-Pulizija tal-istess Ghassa gew ghalih u komplew bl-investigazzjoni taghhom. Tkompli tghid u tikkonferma li fir-ritratt a fol. 108 taghraf il-beritta li giet elevata. Tghid li din l-istess beritta tidher fir-ritratti esebiti a fol. 108 et seq.

Xehdet **Maria Dolores Fenech** li pprezentat zewg sentenzi u kkonfermat sentenza *res judicata* fil-konfront tal-imputat moghtija fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Novembru tas-sena 2019 deciza mill-Magistrat Dr Monica Vella.

Xehdet **<u>Stefania Calafato Testa</u>** li pprezentat sentenza[1] fil-konfront tal-imputat Brian Agius li hija *res judicata*. Tali sentenza giet immarkata bhala Dok. SCT1.

Xehed l-imputat **<u>Brian Agius</u>** li jghid li dakinhar tal-allegat reat hu kien sejjer il-bahar mal-habiba tieghu u cioè Salvina Buttigieg. Jispjega li *omissis* cempillu u kkomunika ma' Salvina biex tghaddi messagg lill-imputat li hemm bzonn li jinzel Hal Qormi ghal xi bicca xoghol. Jghid li ma' *omissis* kien jiltaqa' mieghu biex jghabbilu l-hadid. Jinsisti li dakinhar l-istess tip ta' xoghol kien ser isehh. Ikompli jghid li ltaqa' ma' *omissis* hdejn il-fabbrika tal-*Coca Cola* bil-karozza u li dak il-hin l-istess *omissis* tela' fil-karozza tal-imputat flimkien ma' zewg (2) persuni ohra li ma jafx x'jisimhom.

Jghid li *omissis* kien qieghed jidderigih ta' fejn ghandu jsuq u fil-fatt ghadda lejn xi pompa tal-petrol u nizzel lil *omissis* u liz-zewg (2) persuni anonimi hdejn statwa tal-Madonna. Isostni li hu ma jafx x'ghamlu minn hemm. Jixhed ukoll li fil-karozza kien hemm hames

[1] ***Il-Pulizija vs Brian Agius*** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Novembru tas-sena 2019 mill-Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.

(5) minn nies b' kollox u cioè hu, Salvina Buttigieg, *omissis* u tnejn (2) ohra. Jghid ukoll li hu qaghad isegwi id-direzzjonijiet ta' *omissis* u li ma tkellem xejn tul il-vjagg tant li l-anqas biss kien jaf x'kienu ser jaghmlu wara li nizlu mill-karozza. Jghid li hu baqa' sejjer u li ma jafx x'riedu jaghmlu ezattament.

Jikkonferma li hu kien ghamel madwar hames (5) xhur gewwa l-Facilità Korrettiva tal-Kordin flimkien ma' *omissis* u ghalhekk kien sar jafu minn hemmhekk. Izid jghid ukoll li kien jaf li *omissis* kien il-habs fuq reati relatati mad-droga. Jghid li dak il-hin li *omissis* kien ikkomunika mieghu kien il-*PAMA* fl-akwati tal-Mosta u li minhabba l-fatt li fehem li *omissis* kellu xi xoghol jistennih, telaq kollox u mar Hal Qormi flimkien mal-habiba tieghu Salvina Buttigieg. Jghid li meta saqsa x'kienet din il-bicca xoghol *omissis* qallu biex isuq lejn il-blokka fejn sehh l-allegat reat u kif ghamel dan flimkien maz-zewg (2) persuni ohra telqu mill-karozza bla kliem ta' xejn. Isostni li *omissis* qallu li kien hemm xi hadid biex jittrasporta.

Ikompli jixhed li l-vettura li ntuzat kienet tieghu u cioè tal-ghamla *Skoda Forman* ta' lewn ahmar - tant li fil-fatt hu jaghraf l-istess vettura a fol. 113 u 116. Jghid li dak iz-zmien hu kien jghabbi l-hadid gewwa l-vettura tal-ghamla *Skoda Forman*. Jikkonferma li jaghraf lil *omissis* u liz-zewg (2) persuni ohra li hargu mill-karozza a fol. 108 sa 109 tal-atti processwali. Ikompli jixhed li wara dakinhar tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 2021 hu ma regax kellem lil *omissis*. Jerga' jishaq li *omissis* u zewg (2) persuni li kienu mieghu kienu qeghdin ituh struzzjonijiet ta' fejn kellu jsuq.

Xehdet **Salvina Buttigieg** li tghid li hi ilha taf lill-imputat Brian Agius ghal madwar erba' (4) snin. Tghid li dakinhar tal-allegat reat l-imputat ircieva telefonata u li hi stess wiegbet ghaliha. Tghid li wara li ghaddiet it-telefon lill-imputat semghet lill-persuna fuq it-telefonata tghid lil Brian Agius li kien hemm xi vjagg ghalih. Tixhed li din it-telefonata sehhet meta kienu fil-karozza lejn il-fabbrika tal-*Coca Cola*. Tikkonferma li insiet jekk kinux hdejn il-*PAMA* f'xi hin qabel l-allegat reat.

Tkompli tghid li wara t-telefonata hi u l-imputat nizlu Hal Qormi fejn telghet persuna gewwa l-karozza u ftit wara telghu tnejn (2) ohra. Tikkonferma li hi kienet fuq wara tal-karozza u li ma qaghditx fuq quddiem ghaliex kellha affarijiet tal-bahar fuq wara u dan stante li kienu sejrin hdejn il-bahar originarjament. Tghid li wara li rikbu dawn in-nies fil-karozza baqghu sejrin fuq il-post fejn sehh l-allegat reat u l-imputat dar il-blokka xi darbtejn.

Tixhed li tul dan il-vjagg kollu hadd ma qal xejn meta xi hadd qal lill-imputat biex jieqaf hdejn statwa tal-Madonna. Tghid li l-imputat rega' dar dawra ghaliex inzerta triq li kienet *one way*. Tixhed li fil-karozza hadd ma kellimha u li nesiet il-pozizzjoni ezatt ta' fejn kienet bilqieghda. Tkompli tixhed li dakinhar kienu telqu mid-dar gewwa s-Siggiewi u baqghu nezlin lejn Hal Qormi.

Xehed **Dr Joseph Spiteri** li jghid li huwa Konsulent Psikjatra li kien jahdem gewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin u li issa qieghed jahdem gewwa *Mount Carmel Hospital*. Jghid li ilu jaf lill-imputat Brian Agius ghal iktar minn ghoxrin (20) sena. Jixhed li l-istess imputat dahal u hareg l-isptar diversi drabi u li baqa' jsegwih anka

meta dan kien gewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin. Jghid ukoll li l-problemi psikjatrici tal-imputat gejjin mill-familja tieghu li hija wahda b'diversi problemi socjali. Jghid li fiz-zmien tal-allegat reat kellu aspetti ta' dipressjoni u li kien qieghed jiehu kura ghaliha.

Ikompli jixhed li biex jikkura d-dipressjoni kien jiehu medicina bl-isem ta' *severin* li hija *anti-depressant* qawwija. Jghid li l-effetti ta' din il-medicina normalment ma jkunux hziena. Jikkjarifika li d-dipressjoni ma rrendietx lill-imputat tali mod li ma kellux il-kapacità *di intendere e volere*. Jghid li fil-fatt l-imputat qatt ma kien fi stat fejn ma setax jifhem jew isegwi proceduri tal-Qrati jew sentenzi taghhom. Ikompli jghid li ingenerali persuna li tbati bid-dipressjoni gieli jwettaq azzjoni filwaqt li jixtiequ li dik l-azzjoni ggib maghha konsegwenzi negattivi. Jikkonferma li dan mhux il-kaz vis-à-vis l-imputat.

Jghid li l-imputat huwa kkontrollat minn huh il-kbir, oltre minn hekk, l-imputat kellu diversi nies f'hajtu li kienu jinfluwenzawh b'tali mod li gie manipulat biex iwettaq azzjonijiet li jissarrfu f'konsegwenzi serji u dan stante li l-karattru tieghu hu wiehed

dghajjef. Jikkjarifika li l-kundizzjoni li jbati biha l-imputat tissejjah *schizoaffective disorder*. Jixhed ukoll li l-imputat jirnexxilu jkun stabbli b'kura kontinwa u bil-medicina. Jghid li l-imputat wara li ghamel zmien twil gewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin issa qieghed jipprova jorganizza hajtu u b'hekk hemm certu sens ta' stabbilità

**Ikkunsidrat**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati*

*hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens*

*tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li hemm prova tangibbli u konkreta li l-allegat fatt gie kommess mill-imputat odjern u *omissis*. Dan ghaliex johrog bic-car kemm mix-xhieda li tat il-Prosekuzzjoni, kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat fejn hu stess stqarr li kien

wassal lil *omissis* u zewg (2) persuni ohra sal-post tal-incident. Din il-Qorti ser tispjega ghalfejn sejra tistrieh fuq din l-istqarrija tal-imputat.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll il-fatt li x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni kollha ghandhom verzjonijiet li jikkorroboraw ma' xulxin u li fl-ahhar mill-ahhar iqieghdu lill-imputat fuq il-post fejn sehh ir-reat. Fuq dal-punt referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn Dr Martin Bajada u r-rapport li hu pprezenta fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu ta' 2021. Tali rapport jistipula hekk:

> *"Illi, mill-analisi li ghamel l-esponent jirrizulta:*
>
> *i. Li ghalkemm hemm data fil-futur fejn il-folders u is-subfolders, il-CCTV footage huwa ghad-data tas-7 ta' Marzu 2021.*
>
> *ii. Li ma hemm l-ebda partijiet nieqsa jew mizjuda fid-downloads tal-CCTV footages ghas-7 ta' Marzu, 2021 li jinsabu fil-*

*subfolders hardware store, kunsill u Ta' Peppinu."*

iii. *Li r-ritratti indikati bhal stills fuq DOK JA1 (still 1 sa still 12) mehuda permezz ta' cellurari minn fuq il-CCTV footage gew iddentifikati u nhargu CCTV still rispettivi."*

Illi din il-Qorti tqis li x-xhieda moghtija mill-parte civile Carmelo Cassar u Joan Cassar huma krucjali fis-sens li t-tnejn li huma jikkorroboraw ma' xulxin kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam maz-zmien li sehh l-allegat serq kif ukoll dwar il-hsarat li sehh fuq il-bieb tad-dar taghhom. Referenza ssir ghall-ircevuti esebiti bhala Dok. CC1 u CC2 li ma gewx ikkontestati.

Illi l-akkuza li tressqet mill-prosekuzzjoni fil-konfront ta' *omissis* hi dik ta' serq aggravat bil-vjolenza, bil-valur, bil-lok u bil-mezz. Referenza partikolari ssir ghall-Artikolu 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Meta s-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" skont l-artikoli 274, 275 jew 276, ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra msemmijin fl-artikolu 261, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel -*

> *b. jekk dan is-serq ikun akkumpanjat bil-kwalifika tal- "mezz", sew jekk ma' kwalifiki oħra kemm mingħajrhom, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A miżjuda bi grad jew tnejn."*

Illi l-prosekuzzjoni tallega li gew misruqa flejjes li jammontaw ghal mitt ewro (€100) u dan gie kkorroborat mill-parte civile Carmelo Cassar u Joan Cassar. Iz-zewg (2) vittmi kienu konsistenti fix-xhieda taghhom u ghalhekk il-Qorti hija konvinta li filwaqt li ma hemmx dubju li l-imputat Brian Agius assista lil *omissis* u l-ko-awturi mhux maghrufa sabiex jisirqu tali flejjes, dan sfortunatament ma jaqax taht ir-reat ta' serq aggravat bl-ammont:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa* ***aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).****"*

Illi nonostante dan, l-artikolu 262 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija cara:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza" -*

*b. meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn."*

Illi mill-filmati prezentati mill-prosekuzzjoni kif ukoll mix-xhieda ta' Salvina Buttigieg u sahansitra anka tal-imputat stess, il-Qorti hija konvinta li dan l-aggravju kien prezenti b'mod konsistenti stante l-prezenza ta' tlett (3) persuni. Dawn it-tlett (3) persuni kienu f'daqqa kemm fil-karozza qabel ir-reat kif ukoll waqt li kien qieghed isehh l-isgass tal-bieb u l-eventwali serqa.

Illi stante l-fatt li sehhet l-isgass tal-bieb tar-residenza tal-parte civile l-Qorti qieghda taghmel ampja referenza ghall-artikoli 263 sub-inciz (a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-filmati

esebiti jidher bic-car li l-malviventi tas-serqa kienu lebsin maskri. Oltre minn hekk l-isgass tal-bieb gie anke kkonfermat mill-ircevuti pprezentati mill-parte civile li juru wkoll l-ammont ta' hsarat li l-koppja sofrew.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha a rigward ir-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza akkumpanjat bl-aggravji tal-mezz u lok u dan stante li l-awturi principali kienu grupp ta' tlett (3) minn nies u li kienu ampjament qeghdin jippruvaw joskuraw l-identità taghhom biex jisgassaw u jisirqu mir-residenza tal-parte civile.

Illi din il-Qorti tinsab konvinta li x-xhieda tal-imputat Brian Agius m'ghandhiex titqies bhala wahda konvincenti. Dan ghaliex kif gia gie retenut, ix-xhieda moghtija mix-xhieda prodotti jikkorroboraw ma' xulxin. Oltre minn hekk din il-Qorti hija perplessa kif l-imputat seta' jafda lil *omissis* meta dan qallu biex isuq lejn Hal Qormi minghajr ma' qallu assolutament xejn matul il-vjagg. Dan meta tqis li l-imputat kien jaf ben sew bil-passat ikkulurit ta' *omissis*.

Illi din il-Qorti sejra tiskarta ghal kollox ix-xhieda moghtjia minn Salvina Buttigieg stante li l-istess xhieda kienet mimlija incertezzi kbar. Il-Qorti tinnota li hemm diskrepanzi bejn ix-xhieda taghha u dik tal-imputat fosthom li hi tghid li fl-ebda mument ma kienu qeghdin vicin il-*PAMA* u li sahansitra dahlet it-telefonata minghand *omissis* waqt li kienu qeghdin isuqu. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-komportament ta' dan ix-xhud partikolari fejn ma' kull mistoqsija maghmula lilha mid-difiza stess hi ma wrietx certezza f'dak li kienet qieghda tixhed. Il-Qorti ghal darb'ohra terga' tqis li huwa impossibbli li tul vjagg shih lejn r-residenza tal-parte civile ma kien hemm l-ebda tip ta' diskors bejn in-nies li kienu fil-karozza kif dejjem baqghet issostni Salvina Buttigieg. Il-Qorti ghandha suspetti kbar ghal dak li ghandu x'jaqsam ta' fejn l-istess Salvina Buttigieg kienet bilqieghda u ghalfejn.

Illi din il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija minn Dr Joseph Spiteri hija essenzjali ghal dawn il-proceduri. Dan ghaliex filwaqt li d-difiza ppruvat iggib id-difiza li l-imputat kien imgieghel jew influwenzat sabiex iwassal lil *omissis* u z-zewg (2) persuni l-ohra, Dr Spiteri jghid hekk:

*"Però nixtieq niccara mal-Onorabbli Qorti illi bid-depression ma jfissirx li ma jistax jiehu decizjonijiet jigifieri fejn il-kapacita` kellu in tendere e volere tibqa hemm ghax jiena qatt ma rajtu fi stat daqshekk hazin illi wiehed jghid illi dan mhux kapaci jsegwi jew mhux kapaci jiffolowja xi Qrati jew jiehu decizjonijiet. Jigifieri d-decizjonijiet illi jittiehdu, li jiehu jew li ha kienu kollha tieghu u fis-sens illi kien kapaci."*

Illi din il-Qorti ghalhekk sejra tabbracja din il-konkluzjoni u taghmilha taghha billi tiskarta t-teorija tal-imputat li hu kien gie manipulat minn *omissis*. Il-possibiltà li l-imputat ghandu karattru ta' natura dghajfa ma tiggustifikax ir-reat kommess.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi kif digà nghad, il-verzjoni tal-imputat waqt il-proceduri ma hi xejn kredibbli ghaliex hija inverosimili kif l-imputat seta' emmen li *omissis* kien offrielu bicca xoghol *in buona fede* meta l-imputat stess jammetti li kien jaf li *omissis* kellu passat ikkulurit. Il-Qorti tippretendi li jekk veru kien hemm bicca xoghol li qieghed jigi

offrut allura almenu kien ikun xi forma ta' diskors u dettal dwar l-istess bicca xoghol. Minn kliem l-imputat stess fl-istqarrija:

*"M: Meta kienu fil-karozza tieghek, tkellimtu fuq xi haga?*

*T: **Ma qaluli xejn u ma staqsejthom xejn**"*

<u>**Komplicità tal-Imputat**</u>

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghan-noti tal-Prof. Mamo rigward komplicità f'reati:

*"The essential conditions common to those forms of complicity by physical participation are:*

*a. that the accomplice should be conscious of the offence contemplated by the principal and have the intention of assisting him in committing it;*

*b. that the accomplice should have done some act in furtherance of the criminal design which he shares with the principal;*

*c. that the act of the accomplice should have in fact helped in the commission of the offence.*

*Now, according to our law, a person may become an accomplice in the way, either:*

*i. by procuring the weapons, instruments or other means of which use has been made in the commission of the offence, knowing that they were to be so used; or*

*ii. by knowingly aiding or assisting in any manner the principal or principals in the acts of preparation or commission of the offences.*

*A person who procures to another the means with which to commit an offence clearly contributes materially to the carrying out of the criminal design. But, the procurement of the means is not by itself alone sufficient to constitute complicity. In accordance with the principles above-stated, two other conditions must concur. The first is that the means should have been procured with the knowledge that they were to be used for the commission of an offence: the*

*second condition is that such means have in fact been so used.*

*The former of these conditions is a logical consequence and an application of the principle that there cannot be guilty participation in an offence without a common design. The act of a man who, unaware of the criminal purpose of another, provides him with means which the latter uses to commit an offence, does not make that man an accomplice in this offence. Guilty knowledge on the part of the person supplying weapons, instruments or other means must be clearly proved: but very often the nature itself of the means supplied (e.g. a dagger or a false key) will furnish a clear indication of such knowledge.*

Illi dwar dan l-ahhar punt il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju li l-imputat Brian Agius kien jaf bil-pjan ta' *omissis* u l-ko-awturi tieghu u dan kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem.

Illi n-noti tal-Prof. Mamo jkompli hekk rigward l-aggravji:

*Although the rule is, as we have seen that accomplices are liable to the same maximum punishment as the principal offender, yet our law wisely provides that in the trial of offences, where two or more individuals are concerned, the relative guilt of each is to be determined independently of that of the others engaged in the same offence. This is a proper restriction upon the generality of the previous provisions*

*It is, therefore, laid down that:*

*When two or more persons concur in an offence:*

a. *Personal circumstances relating solely to any one of them, whether he be a principal or an accomplice and which, in regard to him, exclude, aggravate or mitigate the punishment neither benefit nor prejudice the others concerned in the same offence.*

*b. Any act which aggravates the offence committed, by one of them, be he a principal or an accomplice, is imputable only:*

*i. to the individual himself who has perpetrated it.*

*ii. to those with whose previous knowledge it has been perpetrated*

***iii. to those who, having knowledge thereof at the time of perpetration and being able to prevent it, did not do so. (emfasi tal-Qorti)***

Illi fuq dan l-ahhar punt il-Qorti tirreleva li stante li gie kkonfermat mix-xhieda prodotti li l-imputat wassal lil omissis u l-awturi l-ohra sar-residenza allura jregi li l-istess imputat kien konsapevoli tal-intendiment tal-istess *omissis*. Dan l-ipotezi huwa msahhah iktar u iktar mill-fatt li l-imputat dar darbtejn mal-blokka qabel sar l-allegat serqa. Maghdud ma' dan il-Qorti mill-gdid issostni li ssibha difficli li temmen li l-imputat ma kellux l-icken idea ta' x'kien ser jigri u li kien lest li jitlaq kollox u jaqdi lil *omissis* kif gie

gie. Ghalhekk l-imputat Brian Agius kien jaf ben sew x'kien ser isehh u ghazel minn jeddu li ma jipprevjenix l-eventwali reat.

Illi din il-Qorti qieghda tabbraccja dan ir-ragunament tal-Professur Mamo u taghmilha taghha b'dana li qieghda ssib lill-imputat hati bhala komplici fis-serq aggravat bil-vjolenza, mezz u bil-lok.

<u>**Recidiva**</u>

Illi inkwantu r-recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tosserva li dawn il-provvedimenti tal-Ligi japplikaw biss fejn l-imputat ikun gia inprecedenza nstab hati ta' reati ta' serq. Minn qari akkurat kemm tas-sentenza esebita u kkonfermata *res judicata* mix-xhud Maria Dolores Fenech u Stephania Calafato Testa, kif ukoll tal-fedina penali tal-imputat, jirrizulta ferm car li l-imputat kellu kundanni precedenti ta' reati ta' serq u ghaldaqstant jista' jinstab li huwa recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota li din l-istess sentenza li gietipprezentata u kkonfermata tipprova bis-shih l-akkuza mressqa mill-prosekuzzjoni a rigward l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Referenza ssir ghad-decide tas-sentenza moghtija mill-din il-Qorti hekk kif diversament preseduta datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena 2019 li tishaq hekk:

*"Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikli 49, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(b), 263, 264, 267, 269(c), 270, 271(g), 276. 277(a)(b), 278(3), 279(a), 280(2), 281(3) u 289 tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Brian Agius ħati u tikkundanna lill-imputat għall-perjodu ta' tnax-il xahar habs, li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tmintax-il xahar u tikkundanna lill-imputat sabiex iħallas lura lill-vittma s-somma fl-ammont ta' mija erba' u sebgħin Ewro (€174) fi żmien sitt xhur f'pagamenti mensili.*

*Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma*

*jottemporax ruhu mal-obbligi tieghu skont din is-sentenza."*

Illi ghalhekk din il-Qorti hija kostretta *ex lege* li timponi dik is-sentenza sospiza citata hawn fuq.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 28B(1), 31, 42 (d), 43, 49, 50, 261(a)(b)(e), 262(1)(b), 263(b), 269(g), 276, 277(b), 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Brian Agius** hati tal-ewwel (1) akkuza limitatament stante li hu kien komplici fir-reat tas-serq aggravat bil-vjolenza, bil-lok, u bil-mezz izda mhux bl-ammont;

Tat-tieni (2) akkuza kif dedotta kontrih stante li kkommeta reat filwaqt tal-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena 2019; u

Tat-tielet (3) akkuza kif dedotta kontrih u cioè tar-recidivzmu; u tikkundannah a rigward l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi ghal piena ta' tlett (3) snin prigunerija effettivi filwaqt li tordna li s-sentenza sospiza msemmija fit-tieni (2) akkuza tigi fis-sehh.

In oltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Brian Agius** ihallas l-ammont ta' tmien mija u disgha u sebghin ewro u sebgha u hamsin centezmi (€879.57c) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**